**Kunsill Reġjonali Għawdex**

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 141/2025**

**It-Tlieta, 15 ta' April, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-boardroom fil-lukanda Grand (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kercem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Victor Curmi | Sindku, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Philip Vella | Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur David Apap | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Kevin Curmi | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Nadur |

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Xewkija

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**141.1 Talba**

141.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**141.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

141.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 140 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**141.3 Korrispondenza.**

141.4.1 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva korrispondenza mingħand it-team ta' Gaulitana Festival dwar biljetti għall-Opera Nabucco. Peress li din l-opera ser tingħata fondi mir-Reġjun u ser tkun qed tiġi irreklamata taħt is-Sena tal-Kultura - Għawdex 2025, ir-Reġjun ingħata tmien biljetti. Dawn ġew offruti lis-Sindki. Min hu interessat għandu jkellem lis-Segretarju Eżekuttiv. Din il-korrispondenza ser tintbagħat lis-Sindki.

141.3.2 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva talba mingħand il-Maniġer tal-Kultura fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex għall-ko-finanzjament tal-proġetti tal-European Region of Gastronomy 2026. Hi qed titlob 20% mit-total mitlub mid-diversi entitajiet li ser jieħdu sehem f' dan il-proġett. L-ammont totali tal-proġetti kollha huwa ta' €676,603. Il-membri preżenti approvaw li r-Reġjun iħallas sa 20% tal-ammont diġà pproġettat.

141.3.3 Ir-Reġjun Ġħawdex irċieva korrispondenza mingħand il-Victoria International Arts Festival 2025 sabiex bħas-snin preċedenti, r-Reġjun jikkollabora f'din l-inizjattiva. Il-President tar-Reġjun qal li peress li r-Reġjun qiegħed fis-sena tal-Kultura 2025 jixraq li dan l-avveniment ikun parti mill-programm tas-Sena tal-Kultura – Għawdex 2025. Bħala inizjattiva għal din is-sena ser jkun jieħu sehem ħadd inqas ħlief il-vjolinist Malti famuż, Carmine Lauri.

141.3.4 Ir-Reġjun Għawdex irċieva talba mingħand il-GFA għal aktar fondi mill-iskema tal-LESA. S'issa ġie approvat l-ammont ta' €5,000 min dan il-fond (ara minuti tal-laqgħa 140). Din l-iskema li ħarġet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tagħlaq f'Mejju. Peress li hemm Kunsilli li għadhom ma applikawx għal dawn il-fondi għandha tinħareġ email mir-Reġjun biex tfakkar lill-Kunsilli dwar dan. Ġie deċiż li jekk ma jkunx hemm aktar applikanti jingħataw aktar fondi lill-GFA.

141.3.5 Fuq talba tar-Reġjun Għawdex, Dr.Sean Zammit Kap tal-Gozo College bagħat aktar dettalji dwar il-produzzjoni tal-musical Moana JR mill-Gozo College. L-ispejjeż inkonnessjoni ma' din il-produzzjoni jammontaw għal madwar €26,500. Is-Sindku tar-Rabat Ċitta Victoria qal li dawn il-produzzjonijiet qed ikunu suċċess. Il-membri tal-Kunsill Reġjonali preżenti qablu li bħala parti mis-sena tal-Kultura 2025, din il-produzzjoni għandha tingħata l-ammont ta' €3,000 u tkun parti mill-programm tas-sena tal-Kultura 2025.

141.3.6 Għat-tieni sena konsekuttiva r-Reġjun Għawdex ġie ppremjat "1st Runner Up fl-Awards for Waste Management Category". Premju mogħti minn WasteServ tal-Malta Waste Reduction Awards 2025. Bħala premju r-Reġjun ingħata grant ta' €3,000 biex jintuża għal benefiċċju tal-ambjent. Fis-sena 2024 dawn il-fondi kienu ntużaw biex inxtraw fliexken tal-ilma (reusable) u tqassmu lit-tfal tal-l-iskola sekondarja kif ukoll lin-Nurseries tal-football. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li l-Maniġer responsabbli mill-ġbir tal-iskart qed jaħdem fuq kampanja edukattiva dwar ir-rimi ta' skart. Dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal din il-kampanja.

141.3.7 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand l-awtur Charles Bezzina. Hu qal li dalwaqt jiġi ppubblikat il-ktieb "The Gozo Airfield". Fl-email tiegħu esprima d-diżappunt tiegħu għaliex ir-Reġjun ma kienx xtara kotba fl-aħħar talba li għamel għal ktieb ieħor. Diversi Sindki qalu li huma kienu xtraw minn dawn il-kotba u l-awtur għandu jiġi nformat li r-Reġjun huma kompost minn dawn l-istess Sindki. Ġie deċiż li r-Reġjun jixtri numru minn dan il-ktieb sabiex jitqasmu fl-inizjattiva ta' Milied Solidali. L-ammont li ser jinxtraw jiġi ddeterminat meta r-Reġjun jiġi nformat bil-prezz ta' dan il-ktieb.

141.3.8 Il-Maniġer tal-Kultura ppreżentat draft tal-MOU (Memorandum of Understanding) għall-appoġġ tal-applikazzjoni ta' Għawdex għal belt Ewropea tal-Kultura 2031. Din kienet intbagħtet lill-Kunsilli u Sindki qabel din il-laqgħa. Kien hemm qbil li din għandha tiġi ffirmata mis-Sindki u Segretarji Eżekuttivi ta' kull Kunsill Għawdxi.

## 141.4 Slogan Kontra l-Użu tad-Droga.

141.4.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku ta' Għajnsielem, is-Sur Kevin Cauchi fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun biex ikun hemm slogan kontra l-użu tad-droga, Il-Kunsill Reġjonali Għawdex talab lill-ECAD (European Countries Against Drugs) dwar slogan internazzjonali li tintuża għal dan il-għan. Huma rrispondaw bis-slogan "Prevent Use. Reduce Harm. Facilitate Recovery." Din il-korrispondenza ser tintbagħat lill-Kunsilli Għawdxin kollha u min irid jista' juża din is-slogan fuq il-korrispondenza tagħhom.

## 141.5 Eżerċizzju dwar l-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

141.5.1 Ġie ppreżentat ir-riżultati tal-eżerċizzju dwar it-tnaqqis tal-allokazzjoni mill-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-ġbir tal-iskart. L-eżerċizzju juri li hemm tnaqqis ta' €761,101 mill-Kunsilli Lokali Għawdxin. Dan ir-riżultat għandu jintbagħat lil-President tal-AKL kif kien talab hu stess.

## 141.6 Minuti tal-Laqgħa tas-Sindki,

141.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa tas-Sindki tal-29 ta' Novembru 2024 kif kienet mitluba mill-AKL. Dawn intbagħtu permezz ta' email lis-Sindki kollha u għalhekk ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

## 141.8 Materji Oħra

141.7.1 Is-Sindku ta' Għajnsielem, is-Sur Kevin Cauchi staqsa kif il-lokalitajiet l-oħrajn qed ibattlu l-bins tagħhom. Dan għaliex il-ħaddiema tiegħu mhux jitħallew jidħlu l-WasteServ biex ibattlu. Il-Viċi Sindku tal-Għasri qal li l-ħaddiema tiegħu qed jidħlu u mhux ikollhom problemi. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu biex jiċċekkja li l-permessi ikunu updated għaliex jista' jkun li jkun ċertu permessi jiskadu. F'dan il-waqt, qamet diskussjoni dwar l-ispejjeż inkonnessjoni maż-żamma tal-indafa tal-irħula. L-ispejjeż

inkonnessjoni mad-dumping qed ikun f'ċertu drabi aktar mill-kuntratt tax-xogħol biex jinżamm l-indafa.

141.7.2 Is-Sindku taż-Zebbuġ, is-Sur Baskal Saliba fakkar fuq il-problema tal-Green Wardens fl-areas bħal Marsalforn u Xlendi. Il-President qal li r-rapporti ta' dawn qed jiġu ppreżentati fil-laqgħat tar-Reġjun meta nirċievuhom. Barra minn hekk ir-Reġjun jibgħat lista ta' toroq fejn għandhom jagħmlu l-ispezzjonijiet il-Green Wardens u Xlendi u Marsalforn dejjem jiġu nklużi. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindki sabiex jibgħatu lista ta' dawk toroq fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom, li fihom jixtiequ li l-Green Wardens jagħmlu l-ispezzjonijiet.

141.7.3 Is-Sindku ta' San Lawrenz, is-Sur Noel Formosa staqsa dwar l-iskema tal-LESA maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Hu talab jekk jistgħux jidħlu wkoll il-kontijiet tat-Transport Malta (TM). Hu ġie imwieġeb li peress li t-TM u LESA huma f'żewġ Ministeri differenti, il-kontijiet tat-TM mhumiex eliġibbli li jiġu rimborsati taħt din l-iskema. Tali għajnuna finanzjarja ser tingħata bħala rimbors għas-servizzi tal-Aġenzija LESA, tal-Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili biss. Kif hemm miktub ċar fl-email li intbagħtet mir-Reġjun lill-Kunsilli Għawdxin kollha, servizzi li ingħataw minn Transport Malta sfortunatament mhumiex eliġibbli taħt din l-iskema.

141.7.4 Is-Sur Noel Formosa staqsa dwar l-attivitajiet tas-Sena tal-Kultura 2025. Hu ġie informat li diġà saru laqgħat mal-Artistic Director u Maniġer tal-Kultura. Dawn ser jiġu informati biex jibgħatu lill-Kunsilli Lokali rispettivi l-approvazzjoni tal-attivitajiet tagħhom.

141.7.5 Is-Sur Damien Spiteri, Sindku tal-Munxar qajjem il-kwistjoni għal darb' oħra dwar ir-rimi ta' boroż suwed fil-parking f'Xlendi. Dawn mhux qed jinġabru minn ħadd peress li l-Kuntrattur mhux obbligat jiġbor minn postijiet mhux residenzjali u d-Dipartiment tal-Indafa Pubbliku mhux jiġborhom. Is-Sur Spiteri qal li s-sena l-oħra ntbagħtet email lill-Ministeri u dipartimenti ikkonċernati u ma' ħadna l-ebda risposta. Is-Sindku ta' San Lawrenz qal li hu tkellem mas-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield li huwa nkarigat mill-Indafa Pubblika dwar din il-problema u s-Sur Formosa ġie nformat li f'Għawdex għandna Ministeru separat u din il-kwistjoni ma' taqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

141.7.6 Is-Sindku tar-Rabat Ċitta' Victoria, Is-Sur Brian Azzopardi qajjem il-punt li l-Kunsill tal-Belt Kapitali ta' Għawdex ma jieħux fondi bħala area tat-turiżmu. Is-Sindki tal-Munxar u taż-Żebbuġ informaw lis-Sindku tar-Rabat li l-fond huwa ta' €3000. Iżda, is-Sur Azzopardi qal li dak irrelevanti meta wieħed jara li t-turisti kollha r-Rabat jiġu bix-xarabanks.

**141.8 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.</u>**

141.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 152 li kienet tammonta għal €303,957.83

**141.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

141.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-20:30 u ġiet skedata għan-nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju fis-6:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |